MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 217/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Carmelo Borda**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmelo Borda ta' 39 sena, bin Francis u Maria Assunta nee' Sultana, imwieled Attard fis-16 ta' Settembru 1969 u residenti 'Lisa Flats' Flat 2, Triq it-Tamar, Qawra u detentur tal-karta tal-identita' numru 394469(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Dicembru 2008, u fix-xhur precendenti f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann,

jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Vincenzo Raciti detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 12095(A), ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Vincenzo Raciti detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 12095(A), ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sar recidiv b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Marzu, 2009 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta’ Gunju, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. F’Dicembru 2005 l-imputat kien ikkomunika mal-kwerelant Vincenzo Raciti billi mar ihabbatlu l-bieb fejn qallu li seta’ jirrangalu l-vettura tal-marka Volkswagen Scirocco bin-numru tar-registrazzjoni LAC949 li kien hemm parkeggjata barra r-residenza ta’ Raciti. Intlahaq ftehim bejn il-partijiet (kopja tal-imsemmi ftehim inserit a fol. 36 tal-atti processwali) fejn l-imputat obbliga ruhu li jsewwi l-imsemmija vettura ghall-prezz ta’ Lm450 u dan fi zmien ftit gimghat mid-data tal-konsenja. Il-vettura fil-fatt giet konsenjata lill-imputat f’Dicembru 2005 u il-kwerelant hallas Lm150 bhala depozitu ghall-prezz tat-tiswijiet. Mill-provi rrizulta li sa Settembru 2008 l-imputat kien ghadu ma esegwix ix-xoghlijiet fuq l-imsemmija vettura u ma rritornax l-istess vettura lill-kwerelant. Mill-provi rrizulta wkoll li l-kwerelant prova diversi drabi jikkomunika mal-imputat izda it-tentattivi tieghu kienu inutili. Meta l-Pulizija ikkomunikaw mal-imputat huwa qal li kien ser ilesti ix-xoghlijiet fi ftit xhur izda nonostante cio’ huwa xorta wahda baqa’ ma ghamilx dan u kien ghalhekk li gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi fil-mori tal-kawza u precizament waqt l-udjenza tal-14 ta’ Lulju 2010 l-imputat hallas lura lill-kwerelant l-ammont li dan tal-ahhar kien hallas bhala deposit u obbliga ruhu li jikkonsenja lura l-vettura in kwistjoni fi zmien xahar.

Illi fil-fehma tal-Qorti il-fatti ta’ dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ misapproprjazzjoni kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 aktar milli fir-reat ta’ frodi nnominata u/jew truffa kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha wkoll li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova it-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat stante li mill-istess stqarrija rilaxxjata mill-imputat (inserita a fol. 30 u 31 tal-atti processwali) fil-fatt jirrizulta li huwa ammetta mal-Pulizija li kien obbliga ruhu li jsewwi u jirritorna lura il-

vettura fi zmien ftit gimghat izda minflok zammha ghandu ghal madwar erba' snin minghajr ma sewwiha u minghajr ma rritorna lura id-deposit. Il-vettura giet fdata lilu bl-obbligu li huwa jroddha lura fi zmien ftit gimghat u jeffetwa it-tiswijiet necessarji izda mill-provi rrizulta li l-imputat zamm kemm il-vettura kif ukoll id-deposit minghajr ma ghamel dak miftiehem bejn il-partijiet.

Huwa evidenti li l-ewwel(1) u t-tieni(2) imputazzjoni inghataw bhala alernattiva ghal xulxin u ghalhekk una volta li l-imputat ser jinstab hati tat-tieni(2) imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel(1) imputazzjoni.

Permezz tat-tielet(3) imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li rrenda ruhu recidiv permezz ta' diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati izda il-Prosekuzzjoni ma esebiet ebda wahda minn dawn is-sentenzi u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tat-tielet(3) imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li fil-mori tal-kaz l-imputat hallas lura d-depozitu u obbliga ruhu li jirritorna lura l-vettura in kwistjoni fi zmien xahar u in vista ta' din it-transazzjoni bejn il-partijiet il-Qorti ser tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien xahar millum jikkonsenja lura lill-kwerelant Vincenzo Raciti l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAC 949 tal-marka Volkswagen Scirocco. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni u stante li l-ewwel(1) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni(2) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jigi misjub hati l-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni u

ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------